MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1321/2000/1

**The General Soft Drinks Company Limited**

**vs**

**Joseph Friggieri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn, mitejn hamsa u sittin liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm2,265.59), bilanc minn ammont akbar, prezz dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat Dokument ‘A’;

Illi l-ammont ghadu dovut nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 1999;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannah li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn hamsa u sittin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm2,265.59c), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat Dokument "A";

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 1999 kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tagha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn hamsa u sittin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm2,265.59c), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dana bl-imghaxijiet kummercjali mit-23 ta' April 1999;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------